# SLIEMA W. JEGĦLBU LIL HIBERNIANS F'PARTITA EĊĊITANTI

## Il-Ħames Ġurnata

**Ħamrun Sp. FC Bye**

**29-11-1964: Floriana FC – Rabat FC 4-0 H.T 2-0**
**Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: L. Borg (F) 4', 8' u 53' u T. Cauchi (F) 63'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Pullu Bartolo, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Hugh Caruana.

**Rabat FC:** Charles Azzopardi, Norman Scott, Żarenu Vella, Frans Peplow, Nicholas Muscat, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe Vella, Frans Micallef, Freddie Wilson, Henry Muscat, Lolly Azzopardi.

1. Floriana kisbu l-ewwel rebħa fil-kampjonat wara erba' logħbiet. Fit-tliet partiti ta' qabel huma kienu kisbu żewġ telfiet u draw.
2. Skond il-ġurnal 'Il-Berqa' it-tielet goal ta Lolly Borg wasal fis-46 minuta.
3. Tony Cauchi laqat darbtejn il-lasta. Fl-ewwel taqsima b'daqqa ta' ras minn corner t'Alamango u ftit wara l-mistrieħ b'xutt li kien għeleb lil Azzopardi.
4. Ġimgħa wara din il-partita Floriana FC fetħu negozjati ma' Rabat biex jakkwistaw lill-goalkeeper Charles Zerafa u lill-attakkant Nenu Chircop li ma kienux qed jinżlu għal-logħob mall-Magpies wara t-telfa ta' 13-0 kontra Valletta. In-negozjati fallew meta Rabat talbu £1,000 jew £500 ta' kull player. Floriana waslu sa £350 għal kull player.

**06-12-1964: Valletta FC – Gżira Utd. FC 3-0 H.T 1-0**
**Ref: Peter Farrugia**
**Skurjaw: G. Micallef (V) 31', T. Calleja (V) 59' u T. Connor (V) 62'.**

**Valletta FC:** Freddie Stivala, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Tony Connor, Josie Urpani, Tony Calleja, Frankie Zammit, George Micallef.

**Gżira United FC:** George Sciberras, Robbie Caruana, Vince Relton, George Faure' (Tony Ciantar 75'), Charlie Parnis, Nenu Chetcuti, Sunny Attard, Victor Borg, Toninu Camilleri, Joe Galea, Tony Chappelle (Tommy Cummings 46').

1. Gżira laqtu l-lasta darbtejn fl-ewwel taqsima. L-ewwel kien kmieni fil-partita minn xutt ta' Tony Chappelle u eżatt qabel il-mistrieħ kien Ċensu Borg li laqat il-mimduda bil-goalkeeper Stivala megħlub. Minn naħa tagħhom Valletta laqtu l-lasta kwarta mit-tmiem b'xutt tal-ex player ta' Gżira George Micallef.
2. Fil-61 minuta kien hemm protesti ħorox għall-penalty minn naħa ta' Gżira United meta Toninu Camilleri ġie ffowljat minn wara minn Johnnie Attard. Ir-referee Peter Farrugia li kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni, ordna indirect free-kick favur il-Maroons. Biex tkompli tiġihom ħażina tliet minuti wara Valletta skurjaw it-tielet goal tagħhom.
3. George Faure kellu jiġi mibdul kwarta mit-tmiem wara li weġġa' u ma setax ikompli l-partita.
4. B'din ir-rebħa Valletta telgħu fl-ewwel post tal-klassifika, punt iktar minn Sliema u Hibernians iżda b'żewġ logħbiet iktar minnhom ukoll.

5. Ftit ġranet wara Valletta kienu ttrasferew lil Toninu Camenzuli 'Landolina' lil Zejtun Corinthians li kienu fil-qiegħ tal-klassifika tat-Tieni Diviżjoni. Camenzuli kien siefer l-Ingilterra u meta rritorna ma sabx postu fit-team Belti. Sadanittant l-ex team ta' Camenzuli, St. Patrick kienu kitbu lill-MFA sabiex jingħataw permess jieħdu passi legali kontra Valletta FC minħabba li kien għad iridu jiġbru xi flus mingħand Valletta bħala parti mit-trasferiment ta' Camenzuli.

**08-12-1964: Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 4-3 H.T 3-1**
**Ref: John F. Galea.**
**Skurjaw: V. Vassallo (S) 31', J. Cini (S) 33', E. Theobald (H) 39', R. Cocks (S) 43', V. Cassar (H) 48', F. Delia (H) 55' u S. Nicholl (S) 59'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici, Alfred 'Il-Paper' Debono, Ronnie Cocks, Joe Cini, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef (Sammy Nicholl 46'), Robbie Buttigieg, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Michael Zammit, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths, Freddie Delia, Victor 'Il-Palun' Cassar, Charlie Grech (Edward Darmanin 75'), Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

1. Id-debuttant Charlie Grech ta' Hibernians kien għadu kemm ġie akkwistat mingħand Siġġiewi tat-Tielet Diviżjoni f'dik il-ġimgħa stess. Fil-fatt is-Sibt ta' qabel Grech kien lagħab ma' Siggiewi fix-Schreiber kontra Zurrieq. Siġġiewi kienu għadhom kemm xtraw lis-centre-forward Grech mingħand Little Rainbows għal £100.
2. Ma tantx kienu antiċipati goals f'din il-partita bejn iż-żewġ teamijiet fil-quċċata tal-klassifika minħabba li sa qabel dan il-konfront it-tnejn kienu għadhom ma sofrewx goal.
3. Din il-logħba suppost li kellha tintlagħab tliet ijiem qabel, is-Sibt 5 ta' Diċembru, iżda fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tat-3 ta' Diċembru kien ġie deċiż li d-data titressaq għat-8 ta' Diċembru, fil-festa tal-Kunċizzjoni, minħabba t-trasmissjoni diretta fuq it-TV Taljan tal-partita friendly bejn l-Italja u d-Danimarka li kienet ser tintlagħab fis-2.30 p.m, kwarta qabel din il-partita.
4. Wara ħames minuti Peter Fitzgerald laqat il-mimdeda b'xutt mill-bogħod bi Freddie Mizzi megħlub.
5. Is-sostitut Sammy Nicholl irritorna wara 'l fuq minn sena nieqes u skorja l-goal importanti li ta r-rebħa lill-Wanderers. Huwa kienu ilu ma jilgħab mit-23 ta' Novembru 1963 meta dak in-nhar Sliema kienu għelbu lil Floriana 4-2 b'Nicholl jidħol bħala sostitut. Sammy Nicholl daħal fil-partita minflok Leli Micallef li fost il-ġimgħa ma ttrenjax wara li ġibed muskolu fl-aħħar ħarġa u minkejja li ġie nkluż fit-team huwa reġa ħass l-uġiegħ u ma setax ikompli l-logħba
6. Fit-72 minuta Hibernians pprotestaw mar-referee għall-penalty meta Peter Fitzgerald żamm il-ballun b'idejh fil-penalty area fuq xutt ta' Eddie Theobald, bir-referee ma jinnota xejn u jħalli l-logħob sejjer.
7. Hibernians kienu qrib li jiksbu d-draw sitt minuti mit-tmiem meta bil-goalkeeper Freddie Debono megħlub, Joe Aquilina salva bir-ras minn fuq il-linja xutt ta' Eddie Theobald.
8. Sliema u Hibernians ħadu £100 kull wieħed mill-gate money ta' din il-logħba, li kienet somma konsiderevoli ta' flus għal dawk iż-żminijiet.
9. Hibernians kienu qed jilgħabu mingħajr Victor Grima li kien għaddej minn forma tajba. Grima kien ta ħasda lill-Kumitat ta' Hibernians meta ftit ġranet qabel din il-partita nfurmahom li kien ser jieqaf mill-football għal dan l-istaġun. L-inkwiet tal-Pawlisti

kompla kiber meta Sunny Anastasi kien dubjuż għal din il-logħba wara li ġibed muskolu.

**Gżira United u Valletta FC lagħbu partita iktar**
**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Valletta FC 7 pti.; Hibernians FC 6 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Floriana FC 3 pti.; Gżira Utd. FC 2 pti.; Rabat FC 0 pti.
**L-Aqwa Skorers:** T. Calleja (Valletta FC) 5 goals; V. Cassar (Hibernians FC); R. Buttigieg u J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit u T. Connor (Valletta FC) 4 goals.

## Is-Sitt Ġurnata

**Gżira United FC Bye.**

**12-12-1964: Rabat FC – Ħamrun Sp. FC 1-0 H.T 1-0**
**Ref: Anthony Galea**
**Skorja: o.g M. Attard (R) 11'.**

**Rabat FC:** Charlie Azzopardi, Norman Scott, Żarenu Vella, Joe Cassar, Nicholas Muscat, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe Vella, Frans Micallef, Frans Peplow, Victor Azzopardi, Lolly Azzopardi.

**Ħamrun Sp. FC:** Charles Buttigieg, Lolly Muscat, Patistu Attard, Leli Micallef, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Gejtu Briffa, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Charlie 'Il-Gidi' Zammit, Charles 'It-Topsy' Aquilina (Wistin Mangion 69').

1. L-autogoal ta' Martin Attard wasal minn xutt qawwi ta' Lolly Azzopardi li ħabat ma' ras il-player tal-Ispartans, qarraq bil-goalkeeper Buttigieg, u xxellef għar-rokna tax-xibka.
2. Skond il-Malta News ir-referee ta' din il-partita kien John F. Galea.

**13-12-1964: Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 2-0 H.T 2-0**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: o.g R. Buttigieg (F) 8' u T. Cauchi (F) 34'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Pullu Bartolo, Joe Grima, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Hugh Caruana.

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Peter Fitzgerald, Salvu Bonnici, Alfred 'Il-Paper' Debono, Ronnie Cocks, Joe Cini, Sammy Nicholl (George Cuschieri 46'), Robbie Buttigieg, Vince 'Tal-Manager' Vassallo.

1. Lolly Debattista ta' Floriana tkeċċa fis-36 minuta għal ritaljazzjoni wara li rċieva daqqa ta' minkeb mingħand Joe Aquilina. Fil-fatt il-ballun kien diġa mar barra meta Aquilina ra lil Debattista ġej għal fuqu biex jieħu l-ballun u xejjirlu daqqa bil-minkeb. Fl-inkwiet li nqala' daħlu diversi players u anke daħlet il-Pulizija biex terġa tirrenja l-ordni. Debattista kien diġa' kellu ismu meħud mir-referee fl-ewwel minuta tal-partita għal incident ma' Ronnie Cocks. Għall-veteran Debattista din kienet il-200 partita tiegħu fil-kampjonat – kollha ma' Floriana. L-attakkant Tony Cauchi, li fil-passat, u anke fl-ewwel ġurnata ta' da nil-kampjonat, għal bżonn anke lagħab goalkeeper, issa niżel centre-half minflok Debattista.
2. Joe Aquilina, Salvu Bonnici u Lino Falzon, kollha players ta' Sliema Wanderers, kollha setgħu sfaw imkeċċija għal nuqqasijiet li għamlu matul il-partita. Joe Aquilina xejjer daqqa ta' minkeb lil Lolly Debattista li ma ġietx innutata mir-referee b'Debattista jitkeċċa għal ritaljazzoni. Salvu Bonnici ħelisha ukoll f'żewġ okkażjonijiet meta l-ewwel ġera minn naħa għall-oħra tal-ground biex jgħin lil sieħbu Aquilina fl-azzjoni li fiha kellu xi jgħid ma' Lolly Debattista u aktar tard waddab ġebla fid-direzzjoni tal-partitarji Furjaniżi. Il-linesman ra l-inċident, ipprova jiġbed l-attenzjoni tar-referee iżda waqaf ixejjer il-bandiera meta l-logħob kompla. Fl-aħħar minuta tal-partita kien Lino Falzon li xejjer daqqa ta' ponn lejn Hugh Caruana iżda għalkemm dan sar quddiem ir-referee l-player Slimiż ma tkeċċiex.
3. Sliema setgħu daħlu fil-partita fl-ewwel minuta tat-tieni taqsima iżda Joe Fava salva minn fuq il-linja x-xutt ta' Robbie Buttigieg.
4. Matul il-partita twaddbu ġebel, fliexken u lariġ fil-ground filwaqt li fi tmiem il-partita l-Pulizija ma rnexxielhomx iwaqqfu lill-partitarji ta' Furjana milli qabżu fil-ground. Din iżda rriżultat f'invażjoni paċifika għax il-partitarji Furjaniżi grew għal fuq il-players tagħhom biex jerfgħom fuq l-ispallejn. Fil-konfużjoni tal-ferħ weġġa' il-player Pullu Bartolo.
5. Skond il-ġurnali Il-Ħelsien, Malta News u l-Orizzont l-ewwel goal ta' Floriana wasal minn autogoal ta' Alfred Debono 'Il-Paper'.
6. Wara l-wirja pożitttiva tal-goalkeeper Nenu Fabri f'din il-partita, Floriana waqqfu n-negozjati li kienu għaddejjin ma' Rabat għall-akkwist tal-goalkeeper Charles Zerafa.
7. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA ltaqa' il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 1964 fejn issospenda lil Lolly Debattista għal partita waħda, u mmulta £1 lill-players ta' Sliema Joey Aquilina, Lino Falzon u George Cuschieri għal azzjonijiet perikolużi filwaqt li Joe Grima ta' Floriana ġie mwissi severament wara li ġie rrapurtat mir-referee għal ħela ta' ħin.

**19-12-1964: Hibernians FC – Valletta FC 2-1 H.T 0-0**
**Ref: Frans Grech**
**Skurjaw: V. Cassar (H) 50' u 83' u J. Cutajar (V) 84'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Michael Zammit, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Salvu 'Tal-Karettuni' Gatt, Tony Griffiths, Freddie Delia, Victor 'Il-Palun' Cassar, Edward Darmanin, Eddie 'L-Għasfur' Theobald.

**Valletta FC:** Freddie Stivala, Charlie Ciantar (Joe Cutajar 61'), Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Leonard Mizzi, Johnnie Attard, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci, Frankie Zammit, Tony Connor, Eddie 'Tat-Totty' Vella, George Micallef.

1. Iż-żewġ goals ta' Hibernians waslu minn żbalji difensivi meta fl-ewwel goal Leonard Mizzi u fit-tieni goal Eddie Vella damu bil-ballun f'saqajhom, tilfu l-pussess u waslu l-goals.
2. Fil-61 minuta l-player Charlie Ciantar ta' Valletta kellu jħalli l-ground bi ksur f'saqajh wara daħla għal ballun ma' Victor Cassar. Ciantar suppost kellu jdum sitt ġimgħat barra mil-logħob iżda fil-fatt ma reġax lagħab f'dan l-istaġun. Huwa kien qed jiddebutta ma' Valletta wara li kien ġie akkwistat mingħand Rabat fit-trasferimenti tas-sajf.
3. Valletta kellhom nieqsa lil Tony Calleja li kien imweġġa' u lil Josie Urpani li kellu xi differenzi mall-kumitat u ma reġax lagħab f'dan il-kampjonat. Issa li Josie Urpani ma baqax jinżel għal-logħob, Frankie Zammit ġie l-uniku player li kien baqa' mit-team glorjuż ta' Valletta tal-1958 – 1963.
4. Il-player sostitut Joe Cutajar ta' Valletta kien ġie akkwistat mingħand St. George's bi bdil ma' Johnnie Darmanin. Sadanittant fil-Kunsill tal-Ħamis 3 ta' Diċembru nqrat ittra minn Zurrieq fejn infurmaw lill-MFA li St George's kienu għadhom ma ħallsuhomx tat-trasferiment tal-istess Cutajar. Joe Cutajar kien ukoll kantant u fl-1972 kien irrappreżenta lil Malta fil-Eurovision Song Festival.

**Valletta FC lagħbu partita iktar**
**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 8 pti.; Valletta FC 7 pti.; Floriana FC 5 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; Rabat FC u Gżira Utd. FC 2 pti.
**L-Aqwa Skorers:** V. Cassar (Hibernians FC) 6 goals; T. Calleja (Valletta FC) 5 goals; R. Buttigieg u J. Cini (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit u T. Connor (Valletta FC) 4 goals.

*Tonio Farrugia*